MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2795/2002

**Union Print Co. Ltd.**

**vs**

**Valletta Publishing & Promotion Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) jew somma ohra verjuri rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta konvenuta ghal xoghol ta' stampar ezegwit u mhux imhallas.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenutaipprezentata fis-17 ta’ Dicembru 2002 fejn gie eccepit:
A. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici mhux dovut u dana kif ser jigi ippruvat waqt t-ttrattazzjoni tal-kawza.
B. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa esagerat.
C. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra l-kontro-talba imressqa mis-socjeta konvenuta flimkien mar-risposta taghha fejn hija qieghda titlob illi s-socjeta attrici tigi ikkundannata thallas l-ammont ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta konvenuta u dana peress illi x-xoghol ta’ stampar ma sarx skond kif miftiehem bejn il-kontendenti. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra is-socjeta attrici.

Ra r-risposta ipprezentata mis-socjeta attrici rikonvenzjonata fl-10 ta’ Jannar 2003 fejn gie ecceppiet illi l-ammont pretiz mis-socjeta konvenuta fil-kontro-talba taghha m’huwiex dovut stante illi x-xoghol ta’ stampar kkumissjonat sar kif miftiehem bejn il-partijiet kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta’ Saviour Grech u ta’ Nathalie Farrugia in rappresentanza tas-socjeta attrici, u ta’ Anton Busuttil Dougall, in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta attrici in sostenn tat-talba taghha ipprezentat *statement* li huwa esebit a fol 20 u 21 tal-process u immarkat bhala Dokument NF1 li minnha jirrizulta illi l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa ta’ Lm1509.65, izda jidher illi l-istess socjeta attrici qieghda titlob biss l-ammont ta’ Lm1500 permezz tal-presenti istanza. Illi minn naha taghha is-socjeta konvenuta minn dan l-*istatement* qed tikkontesta s-segwenti ammonti:
1. L-ammont dovut ghall-istampar tal-*menus* ghal Zammit Clapp Hospital, peress illi uhud minnhom harrgu b’xi zbalji

fihom u ghalhekk kellhom isiru mill-gdid, izda is-socjeta attrici naqqset li taghmel dan bil-konsegwenza illi s-socjeta konvenuta kellha tordnhom minn band'ohra, ghal liema ammont tressqet il-kontro-talba – Lm519.80.
2. L-ammont dovut ghall-istampar ta' *table-mats* (invoice numru 5125 datata 9 ta' Lulju 1998), ta' Lm533.40, stante illi dawn qatt ma gew ordnati mis-socjeta konvenuta.
3. L-ammont dovut ghal *blank paper* (*invoice* number 6774 datata 31 ta' Lulju 1999) ta' Lm97.75, stante illi l-istess qatt ma gew ordnati mis-socjeta konvenuta.

Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni fuq il-kumplament ta'l-ammont dovut.

A. Il-menus ta' Zammit Clapp Hospital.

Illi jirrizulta illi s-socjeta konvenuta qieghda tilmenta illi l-istampar ta' uhud minn dawn il-*menus* ma sarx kif ordnat minnha, tant illi l-istess socjeta konvenuta kienet kostretta terga' tordna l-istampar ta' dawn il-*menus* minn ghand haddiehor bil-konsegwenza illi hallset l-ammont mitlub fil-kontro-talba taghha ta' Lm350 (ara Dokument X). Illi mid-Dokumenti ABD2 u ID6, jirrizulta illi kien hemm skambju ta' korrispondenza permezz ta' messaggi bit-*telefax* bejn il-partijiet. Jidher illi s-socjeta konvenuta kienet indikat lis-socjeta attrici fl-4 ta' Settembru 1998, illi kien hemm xi *menus* neqsin. L-ghada jidher illi s-socjeta attrici kienet ikkomunikat mas-sur Busuttil Dougall u talbitu jindika n-numru ta' *menus* neqsin, ghal liema talba Saviour Grech, in rappresentanza tas-socjeta attrici ighid illi qatt ma kellu risposta. Sussegwentement fil-5 ta' Novembru 1998 u cioe' xahrejn wara s-socjeta konvenuta tidher illi kienet ghada qed tilmenta illi dawn il-*menus* neqsin kienu ghadhom ma gewx debitament ikkonsenjati. Ghandu jinghad madanakollu illi huwa kemmxejn stramb kif l-*invoice* esebita mis-socjeta konvenuta bhala Dokument X, hija datata Settembru 1998 li jindika illi hija kienet diga ordnat ix-xoghol minn ghand persuna ohra indikata fuq l-istess *invoice* bhala certu Peter Scicluna, meta imbaghad f'Novembru jidher illi kienet ghadha qed titlob illi l-istess jigu ikkonsenjati lilha mis-socjeta attrici. Jidher ukoll mid-Dokument NF1 u cioe' mill-*istatement*, illi wara din id-data

u cioe' wara Novembru 1998 u wara illi il-hlas ghal dawn il-menus ordnati minn ghand terzi fl-ammont ta' Lm350 kien sar fit-30 ta' Jannar 1999, is-socjeta konvenuta xortawahda baqghet taffettwa il-pagamenti u l-ahhar pagament sar fit-12 ta' Dicembru 2001. Illi ghalhekk hemm dubbju kemm verament l-*invoice* esebita bhala Dokument X tirreferi ghal *menus* neqsin li dwarhom ilmentat is-socjeta konvenuta. Illi inoltre anke l-ilment sollevat mis-socjeta konvenuta illi l-konsenji ma kenux qed isiru lil persuni awtorizzati ma treggix u dana stante illi l-ebda merkanzija ma tidher illi giet ritornata lura lis-socjeta attrici abbazi ta' dan l-ilment u inoltre lanqas ma jidher illi sar xi ilment lis-socjeta attrici min naha tas-socjeta konvenuta ghal dan in-nuqqas. Lanqas xi korrispondenza f'dan is-sens ma giet esebita ghalkemm mill-ittra esebita mis-socjeta konvenuta bhala sample (Dokument ABD1), jidher illi kienet saret din il-premura.

B. <u>It-Table mats</u>

Illi mix-xhieda ta' Anton Busuttil Dougall bhala rapprezentatnt tas-socjeta konvenuta jirrizulta illi l-ammont dovut ghat-*table mats* li jidhru indikati fl-*istatement* Dokument NF1, qed jigi ikkontestat stante allegazzjoni illi dawn qatt ma gew ordnati. Illi madanakollu anke f'dan ir-rigward is-socjeta attrici ipprezentat dokumenti li jindikaw illi din l-ordni verament saret ghaliex mhux biss gie esebiet *sample* ta' dawn it-*table mats*, izda mid-Dokument ID4, jidher illi kienu gew moghtija certu *specifications* mis-socjeta konvenuta rigward kif kellhom jigu stampati dawn it-*table mats*, oltre illi tidher bil-kaligrafija tas-sur Busuttil Dougall, illi gew ordnati 10000 minnhom kif indikati fis-*sample*, bl-isem tas-sur Busuttil Dougall fuq l-istess dokument. Dana huwa ikkonfermat minnu stess fix-xhieda tieghu, izda huwa ighid illi din kienet *sample order* biss u li l-istess ordni qatt ma giet ikkonfermata. Illi t-Tribunal iqis illi din x-xhieda hija ukoll kemmxejn inverosimili ghaliex il-kliem indikati fuq dan id-dokument jidhru illi hija konferma ta'l-ordni, oltre illi x-xhud jaghraf il-kaligrafija tieghu fuq l-istess. Fuq kollox mid-Dokument ID5 esebit fis-16 ta' Dicembru 2003, jidher illi dawn it-*table mats* gew effettivament ikkonsenjati.

C. Blank paper

Illi anke fir-rigward ta’ din il-konsenja, is-socjeta konvenuta ma resqitx provi konklussivi illi din l-ordni ma kenitx verament saret u ghalhekk it-talba attrici f’dan ir-rigward ukoll qed tigi milqugha.

Illi finalment ghandu jigi rilevat illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta huma kemmxejn kontradittorja ghaliex fl-ewwel eccezzjoni jidher illi s-socjeta konvenuta qieghda tghid illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut, imbaghad tghaddi biex tikkontendi illi hemm xi ammont li huwa dovut izda dak li qed jintalab huwa esagerat. Illi ghalhekk s-socjeta konvenuta ghandha tkun cara fuq liema linja ta’ difiza sejra tadotta ghaliex altrimenti l-eccezzjonijiet taghha iwasslu ghal kontradizzjoni u ikunu legalment insostenibbli. Illi madanakollu l-ilmenti mressqa mis-socjeta konvenuta ma jistghux jitwemmnu u dana in vista tal-fatt illi hija baqghet taffettwa pagamenti sa’l-ahhar tas-sena 2001, wara li kienu gew ikkonsenjati kemm il-*menus*, kif ukoll it-*table mats* u l-*blank paper* ikkontestati permezz tal-presenti istanza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, u filwaqt li jichad il-kontro-talba ta’l-istess socjeta konvenuta, jilqa’ it-talba attrici u kwindi l-eccezzjoni taghha ghall-kontro-talba maghmula mis-socjeta konvenuta u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez kollha ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kontro-talba maghmula mis-socjeta konvenuta ghandhom jigu issopportati mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------